# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 2**

**Rikors numru 32/13JRM**

**Lawrence Asciak sive Axiaq**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

## Preliminari

1. Dan huma zewg appelli maghmulin wiehed mir-rikorrent Lawrence Aciack sive Axiaq [ir-rikorrent] u l-iehor mill-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija [l-intimati], mis-sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju, 2018, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], fejn dik il-Qorti ddikjarat li r-rikorrent garrab ksur tal-jeddijiet tieghu kif sanciti [a] taht l-

Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] bl-ghoti ta' trattament degradanti meta kien mizmum arrestat fil-*"lock-up"* tal-Pulizija, u li ta' dan kien jahti l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija wahdu; [b] taht s-subartikolu 6[3][c] tal-Konvenzjoni meta ta stqarrija lill-Pulizija bla ma kellu l-fakulta` li jkellem avukat tal-ghazla tieghu qabel ma rrilaxxaha; u b'hekk ikkundannat lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta' €3,000 bhala kumpens, bl-imghax dekorribbli mid-data ta' dik is-sentenza sal-pagament effettiv, filwaqt li kull parti kellha thallas l-ispejjez taghha tal-kawza.

Mertu

2. Illi r-rikorrent fetah dawn il-proceduri fejn talab lill-ewwel Qorti sabiex *"taghti dawk id-direttivi u tohrog dawk l-ordnijiet necessarji u l-atti kollha li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti li setghu gew lezi fil-konfront tar-rikorrent, jigu rrimedjati billi tiddikjara:*

> "Li l-intimati huma hatja ta' trattametn inuman u degradanti fil-konfront ta' l-esponent bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikkolu 36 tal-Kostituzzjoni, liema trattametn kellu l-konsegwenza li r-rikorrent irrilaxxa stqarrija nkriminanti.
>
> "Li sehh lezjoni ta' dritt tal-protezzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni bin-nuqqas ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali li tordna investigazzjoni dwar l-allegazzjoni ta' l-esponent li kien gie assoggettat ghal trattament inuman u degradanti.

“Li l-uzu bhala prova formidabbli ta’ l-istqarrija inkriminanti rrilaxxata lil pulizija meta r-rikorrent kien minghajr assistenza legali, kien kontra d-dritt ta’ smiegh xieraq tar-rikorrent, liema dritt huwa protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Li ghalhekk, is-sentenza mill-guri li nghatat kontra r-rikorrent datata 2 ta’ Gunju 2000 u dik ta’ l-appello datata 27 ta’ Marzu 2003 huma t-tnejn nulli u bla effett.

“Illi l-istqarrija nkriminanti li r-rikorrent kien irrilaxxa lill-pulizija waqt li kien sprovist minn assistenza legali hija nulla, anke ghal fatt illi kienet inghatat wara li saret weghda mill-pulizija.

“Li sehh lezjoni tad-dritt tar-rikorrent, protett mill-Artikolu 39(1) (f) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta r-rikorrent gie arrestat allavolja l-pulizija ma kellhiex suspett ragjonevoli skond il-ligi fuqu.

“Li kien lezjoni tad-dritt fundamentali protett mill-Artikkolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, n-nuqqas tal-pulizija li tinforma lill-esponenti bir-raguni ghal arrest tieghu kemm dam arrestat.

“Li kien vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif protett bkl-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta min-naha tal-pulizija meta naqset li tinforma lir-rikorrent li kellu d-dritt fundamentali li jibqa’ sieket waqt li kien qed jigi nterrogat u naqqset tinformah li kull ma jghid seta’ jintuza bhala prova kontrih.

“Li waqt dan il-guri saru diversi zbalji grossolani min-naha ta’ l-Onorabbli Qorti Kriminali li rrendew is-smiegh tal-guri tar-rikorrent mhux wiehed xieraq kif tirrikjedi l-ligi.

“Li kien lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent li l-onorabbli qorti Kriminali tat lill-gurati x’jifhmu li setghu jisiltu inferenza ta’ htija mis-silenzju tar-rikorrent quddiem l-interrogazzjoni tieghu mill-pulizija.

“Li kien lezjoni tad-dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-Onorabbli Qorti Kriminali tat diversi direzzjonijiet lill-gurija li huma direttament kontra l-gurisprudenza u d-duttrina nostrana.

“Ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex finalment tikkundanna lill-intimati ihallsuh kumpens pekunjarju konsistenti fi hlas ta’ somma flus li l-Qorti, fl-arbitriju taghha, thoss li tkun xierqa u li tista taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrent mill-istituzzjonijiet, kif previsti fl-artikolu 35(4) tal-Kostituzzjoni.”

3. Fir-risposta taghhom, l-intimati eccepew li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jigu michuda ghar-ragunijiet li fil-qosor huma kif gej: [i] ir-rikorrent ma kien ghamel l-ebda ilment matul il-proceduri kriminali dwar l-allegata irregolarita` tal-istqarrija tieghu u l-allegat trattament inuman u degradanti; [ii] hu kien inghata d-debita twissija qabel l-interrogazzjoni, u volontarjament u liberament ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu mill-ispettur tal-pulizija; [iii] id-dritt ta' suspettat li jkun assistit minn avukat waqt li kien qed jaghti stqarrija mhiex konsegwenza awtomatika tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-allegazzjoni ta' ksur kellha tigi kkunsidrata fil-kuntest tal-proceduri kollha; [iv] ma kienx minnu li r-rikorrent kien sofra xi trattament inuman u degradanti kif allegat ghaliex ic-celel kienu jigu spezzjonati kuljum; [v] lanqas ma kien minnu li l-pulizija naqsu b'xi mod li taghti t-twissijiet mehtiega meta r-rikorrent kien fil-kustodja taghhom; [vi] ma kienx minnu li l-Qorti Kriminali kienet ghamlet xi zbalji grossolani jew tat lill-gurati x'jahsbu li setghu jifhmu li kien hemm htija minhabba silenzju tar-rikorrent; [vii] fl-eventwalita` li l-ewwel Qorti issib li kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif sanciti fl-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni u fl-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni, dikjarazzjoni ta' ksur kienet rimedju sufficjenti.

Is-Sentenza Appellata

4. Il-fatti huma adegwatament delineati fis-sentenza appellata u ghalhekk mhux il-kaz li jigu ripetuti f'dan il-gudizzju. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"Illi jixraq li l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbuta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha jsegwu l-ilmenti mressqa mir-rikorrent taħt it-tliet jeddijiet li huwa jgħid li ġarrab ksur tagħhom fil-ġrajjiet li ssemmew hawn fuq. Il-Qorti ser tqishom f'din l-ordni: (i) il-ksur tal-jedd li ma jingħatax trattament inuman jew degradanti; (ii) il-ksur tal-jedd li ma jinżammx arrestat b'mod arbitrarju; u (iii) il-ksur tal-jedd li jingħata smigħ xieraq;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment tar-rikorrent dwar it-trattament inuman jew degradanti** li ġarrab minn idejn l-intimati jew min minnhom, jidher ċar, mis-sottomissjonijiet imressqa, li dan l-ilment jirreferi għaż-żmien (jew aħjar, il-ħin) li r-rikorrent qatta' miżmum fil-"*lock-up*" tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sakemm kien interrogat u ta l-istqarrija tiegħu. Huwa jxebbah il-każ tiegħu ma' każ ieħor fejn persuna nżammet arrestata fl-istess "*lock-up*" xi disa' snin qabel u Qorti kienet sabet ksur tal-istess jedd li minnu jilminta r-rikorrent[1];

"Illi mill-provi mressqa, ħareġ li r-rikorrent iddaħħal fil-"*lock-up*" tad-Depot fis-26 ta' Ottubru, 1992 fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21.30), u nħeles fit-28 ta' Ottubru, 1992 fid-disgħa u nofs u ħamsa (9.35) ta' filgħodu. Matul dak iż-żmien, inżamm f'ċella u nħareġ minnha madwar erba' (4) darbiet biex ittella' quddiem l-Ispettur Raymond Vella Gregory biex ikun interrogat. F'dawn l-okkażjonijiet huwa ħalla wkoll stqarrija lill-Pulizija dwar ir-rabta tiegħu mal-każ li kien inżamm dwaru;

"Illi taħt dan l-ilment, ir-rikorrent iġib 'il quddiem il-kundizzjoni taċ-ċella li nżamm fiha, it-trattament li ngħata sakemm dam miżmum f'dik iċ-ċella, id-dgħufija fil-karattru u l-personalita` tiegħu li kienet tagħmlu mhux kapaċi li jfassal azzjoni kriminali, u l-fatt li l-biżgħa tiegħu mill-post li nżamm fih wassluh biex ta l-istqarrija msejsa fuq fatti mistħajla (isejħilha "*fantażija ivvintata .. biex jeħles mill-inkubu*"[2]) akkost li jinħeles minn fejn kien miżmum. Dwar l-ewwel ċirkostanza, ir-rikorrent jelabora li ċ-ċella kienet mudlama, ta' qisien żgħar u nieqsa mill-ventilazzjoni. Jgħid ukoll li kienet maħmuġa u tqażżeż jipprova jimtedd fuq il-mitraħ tas-sodda li kien hemm u li ma kienx hemm imqar siġġu fuqiex seta' joqgħod bilqiegħda. Jisħaq ukoll li fiċ-ċella ma kinex hemm faċilitajiet sanitarji u, biex jinqeda, kien ikollu jsejjaħ lil min kien għassa miegħu biex jiftaħlu u jwasslu sal-latrina komuni li kien hemm f'tarf il-kuridur. Dwar dawn iċ-ċirkostanzi, ir-rikorrent ressaq siltiet minn rapport li kien sar lill-Gvern

[1] Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**)
[2] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 277 tal-proċess

Malti f'Lulju tal-1990[3] minn Kumitat għat-Trażżin tat-Tortura u Trattament Degradanti mwaqqaf mill-Kunsill tal-Ewropa li fih tifsira taċ-ċelel tal-"*lock-up*" fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kif kienu nstabu minn żjara li dak il-Kumitat kien għamel fuq il-post. Ir-rikorrent iqabbilhom mar-rapport taż-żjara ta' wara mill-istess Kumitat f'Lulju tal-1995, biex juri l-qagħda mwiegħra taċ-ċelel tal-istess u li l-qagħda ma kinitx inbidlet wisq għall-aħjar;

"Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jiċħdu li r-rikorrent ingħata trattament inuman jew degradanti u ż-żamma tiegħu fil-"*lock-up*" kien meħtieġ fil-proċess ta' stħarriġ li l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu dwar il-każ. Jgħidu li l-provi li ressaq ir-rikorrent twaqqgħu kollha mill-provi mressqin minnhom u li b'dan l-ilment ir-rikorrent qiegħed jittanta jerġa' jiftaħ każ li kien ingħalaq b'eżitu li ma ffavuriehx;

"Illi r-rikorrent isejjes dan l-ilment tiegħu kemm fuq dak li jgħid l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt l-aspett tal-imsemmija żewġ artikoli flimkien, u tqishom fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-provi mressqin mill-partijiet;

"Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita` ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

"Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[4]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[5]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravita` u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severita' li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

---

[3] Dok "FA", f'paġġ. 155 sa 168 tal-proċess

[4] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117

[5] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni

"Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[6] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[7], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[8];

"Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[9], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[10];

"Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[11], jeħtieġ ċertu grad ta' gravita*'"[12], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[13]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[14];

"Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita`[15] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-

---

[6] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[7] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[8] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575
[9] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[10] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[11] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[12] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[13] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[14] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[15] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)

persuna li kienet suġġetta għalih[16]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[17];

"Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[18]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[19]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[20];

"Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-eta` u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[21]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[22];

"Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilita` korrettiva[23] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[24];

---

[16] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[17] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415

[18] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111

[19] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3

[20] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338

[21] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***

[22] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***

[23] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126

[24] Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9; Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik.

"Illi mill-provi mressqin f'dan il-każ, ir-rikorrent jisħaq fuq il-kundizzjonijiet imwiegħra li kien hemm fil-"*lock-up*" b'mod partikolari dawk taċ-ċella li ddaħħal fiha[25]. Fisser ukoll x'kellu jgħaddi minnu sakemm dam miżmum hemmhekk, u x'kellu jagħmel biex jinqeda mill-bżonnijiet tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' kuġinuh[26], li kien inġab minn Għawdex flimkien mar-rikorrent u nżamm ukoll fil-"*lock-up*". L-intimati ressqu x-xhieda tal-Ispettur li mexxa l-istħarriġ u li kien interroga lir-rikorrent[27] u tal-uffiċjal inkarigat miż-żamma ta' persuni fil-"*lock-up*"[28] u li biha riedu juru li l-kundizzjonijiet li fihom inżamm ir-rikorrent ma kinux ħżiena bħalma ried ipinġihom;

"Illi s-siltiet tar-Rapport imressaq minn Kumitat maħtur mill-Kunsill tal-Ewropa u li żar, fost bnadi oħrajn, l-imsemmi "*lock-up*" fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, jagħti stampa xejn kumplimentuża tal-qagħda li wieħed kien isib ruħu fiha meta jinżamm hemmhekk. Dawn is-siltiet jirrigwardaw medda ta' ħames snin bejn l-1990 u l-1995 li fihom il-qagħda tal-kundizzjonijiet fl-istess "*lock-up*" tqiesu bħala ebsin ("*harsh*") u l-Kumitat irrakkomanda bidliet għall-aħjar[29]. Ix-xhieda mogħtija mill-persuni mressqa mill-intimati ma tikkonvinċix lill-Qorti li l-kundizzjonijiet li fihom inżamm ir-rikorrent kienu aċċettabbli jew li r-rikorrent seta' kien qiegħed jeżaġera. Dwar jekk dan l-ambjent kienx determinanti biex ir-rikorrent ħalla l-istqarrija li ħalla mal-Pulizija, wieħed ma jistax jgħid. Madankollu, din il-Qorti se' tqis din il-ħaġa aktar 'il quddiem fis-sentenza meta tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi meta l-Qorti tqis il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel u tiġbor il-prinċipji misluta minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali[30], issib li r-rikorrent kien suġġett għal trattament degradanti għall-finijiet tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tippreċiża li dan il-ksur kien jaħti għalih l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u l-intimat Avukat Ġenerali ma ntwera li kien imdaħħal bl-ebda mod f'dan kollu u għalhekk din it-talba tar-rikorrent mhijiex milqugħa fil-konfront tal-Avukat Ġenerali;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment dwar iż-żamma illegali taħt arrest arbitrarju**, ir-rikorrent jgħid li l-Pulizija ma kellha l-ebda suspett raġonevoli kontrih li setgħet twassalha biex iżżommu arrestat. Minbarra dan, iżid jgħid ukoll li, minkejja li kien ta stqarrija lill-Pulizija, baqa' jinżamm arrestat għal xejn anqas minn erbatax-il (14) siegħa oħra

Nru. 52160/13) §§ 78 – 83; u Q.E.D.B. **22.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdullah Elmi et vs Malta*** (Applik. Nru. 25794/13) §§ 99 – 110

[25] Xhieda tiegħu f'paġġ. 50 – 3 tal-proċess

[26] Xhieda ta' Francis Axiaq f'paġ. 82 tal-proċess

[27] Xhieda tas-Suprintendent Raymond Vella Gregory f'paġġ. 109 u 261 tal-proċess

[28] Xhieda ta' PC955 Orazio Camilleri f'paġġ. 247 – 8 u 266 tal-proċess

[29] Paġġ. 151, 158 u 162 – 3 tal-proċess

[30] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**) u Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**) fost oħrajn

għalxejn qabel ma nħeles u ntbagħat lura daru fil-qagħda li kien jinsab fiha u bl-istess ħwejjeġ li kien liebes meta nġabar minn Għawdex u nġab Malta jumejn qabel;

"Illi l-intimati jgħidu li dan l-ilment huwa fieragħ u ma kienx minnu li, f'xi ħin, ir-rikorrent inżamm taħt arrest li sar bi ksur tal-liġi. Jgħidu li fl-ebda waqt rilevanti ma jista' jingħad li r-rikorrent kien miżmum b'mod kapriċċuż. Iżidu jgħidu li kien hemm tabilħaqq raġunijiet tajba biex jinbena suspett raġonevoli li r-rikorrent (u kuġinuh) kien imdaħħal f'attivita` bi ksur tal-liġi u ż-żamma tiegħu kienet għal dak il-ħin essenzjali biex setgħu jistħarrġu l-każ u fil-qafas tal-istess stħarriġ;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> "*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta` personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizżat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ....*
>
> "*(d) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali; ...*"
>
> "*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi informat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu:...*"
>
> "*(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut – (a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni ta' l-ordni ta' qorti; jew (b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-sub-artikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża*";

"Illi għal dak li jirrigwarda l-partijiet rilevanti għall-każ li għandna quddiemna, l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> "(1) *Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *(ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*
>
> "*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.*

"*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.*

"*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi.*

"*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens*";

"Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tara jekk kemm-il darba l-arrest tar-rikorrent kienx tassew wieħed arbitrarju u jekk jiksirx xi waħda jew aktar miż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija li dwarhom huwa jsejjes it-talba tiegħu;

"Illi l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[31]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*[32] u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[33]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[34];

"Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[35], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem jirbaħ fuq kollox;

---

[31] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224

[32] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>Theory & Practice of the European Convention on Human Rights</u> (4th. Edit, 2006), pġ. 463

[33] *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f'pġ 481

[34] Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25

[35] Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni u art. 6(2) tal-Konvenzjoni

"Illi f'dan ir-rigward ingħad ukoll li "*compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention*"[36];

"Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalita` tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

"Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess[37];

"Illi ż-żewġ testi jitkellmu wkoll dwar il-ħtieġa ta' suspett raġonevoli biex isaħħaħ arrest jew żamma f'ċirkostanzi bħal dawk. Dwar din il-frażi, ingħad u ġie mgħallem ħafna matul is-snin, l-iżjed għaliex il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li jitressqu dwar il-ksur ta' dan il-jedd fondamentali jduru fuq jekk is-suspett kienx wieħed raġonevoli jew le. Il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv[38];

"Illi dan ifisser li huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq[39], u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Mhux hekk biss, imma jeħtieġ li tali suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata[40]. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah[41] minnufih irid jintemm l-arrest

[36] Q.E.D.B. **23.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Aden Ahmed vs Malta*** (Applik. Nru. 55352/12) § 141

[37] Ara artt. 355V u 355X tal-Kap 9 fost oħrajn

[38] Ara Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**); u Kost. **14.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.256**) u l-ġurisprudenza hemm imsemmija

[39] Ara. P.A.( Kost). **8.4.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXII**)

[40] Ara App. Kost. **9.4.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Paċe vs Onor. Dom Mintoff et*** (mhix pubblikata)

[41] Ara. Q.E.D.B. **27.6.1968** fil-kawża ***Wemhoff vs Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru 2122/64), §5; u Kost. **29.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.25**)

jew iż-żamma[42]. Madankollu, mhuwiex mistenni li fil-waqt tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġa` provi w xhieda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata[43]. Filwaqt li l-fatt li persuna li nżammet arrestata li, madankollu, aktar 'il quddiem tinħeles minn qorti b'deċiżjoni ġudizzjarja, ma tistax tilminta minn arrest illegali retrospettiv minħabba dak il-ħelsien[44];

"Illi madankollu huwa mfisser ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni, minbarra l-ħtieġa ta' suspett raġonevoli fil-persuna arrestata jew miżmuma f'kull waqt tal-arrest jew taż-żamma tagħha, jeħtieġ jintwera wkoll li ċ-ċirkostanzi kienu tali li jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-liberta' personali tas-suspettat. Għaliex l-arrest jew iż-żamma huma biss ġustifikati jekk kemm-il darba jkunu pre-ordinati jew meħtieġa biex il-persuna suspettata titressaq quddiem l-awtorita` ġudizzjarja kompetenti u tinxela bl-akkuża addebitata lilha[45]. Tali raġonevolezza tissarraf fl-istħarriġ b'bona fidi min-naħa tal-Pulizija, ukoll jekk sa dak il-waqt l-eżistenza jew in-natura tar-reat ma jkunux għadhom magħrufa fiċ-ċert[46];

"Illi biex żamma jew arrest taħt l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni jibqa' wieħed tajjeb, huwa mitlub li l-persuna hekk miżmuma b'arrest titressaq mill-aktar fis quddiem qorti biex isir stħarriġ kif imiss tas-siwi tal-istess arrest: fin-nuqqas, il-persuna miżmuma għandha tinħeles[47];

"Illi tajjeb jingħad li dak l-arrest li l-Pulizija tista' twettaq sakemm isir stħarriġ dwar reat u l-persuna titressaq biex twieġeb għal xi eventwali akkuża quddiem Qorti kompetenti huwa wieħed ta' natura amministrattiva jew eżekuttiva, kif distint minn dak li jista' jissejjaħ ġudizzajrju, u li jseħħ meta dik il-Qorti jew Qorti oħra kompetenti ma tilqax talba għal-liberta` provviżorja jew tħassar liberta' diġa` mogħtija, jew waqt xi stadju ieħor tordna l-arrest ta' imputat[48];

"Illi mill-eżami tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-Pulizija kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex iżżomm lir-rikorrent taħt arrest. Għall-kuntrarju ta' dak li jissottometti, kien hemm elementi mad-daqqa t'għajn li kienu jippuntaw lejn ir-rikorrent u lejn kuġinuh. Kienu elementi li, aktar ma sar stħarriġ u fl-istess żmien meta kien rappurtat il-fatt, bdew kulma jmur jinbnew wieħed fuq l-ieħor. Sa ftit jiem wara li nfetaħ il-każ, il-Pulizija kienet sabet elementi determinanti li jsejsu suspett raġonevoli. Il-fatt li l-każ tqanqal minn rapport ta' persuna mhux magħrufa ma

---

[42] Ara App. Kost. **7.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Kummissarju tal-:Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.37**)
[43] Ara. P.A. (Kost) **21.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Kummissarju tal-Pulizjia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII**)
[44] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.*, pġ. 473
[45] Ara App. Kost. **31.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.99**)
[46] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights (3rd. Edit, 2007) §IIB-031, pġ. 233
[47] Art. 5(3) tal-Konvenzjoni
[48] Ara App. Kost. **11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs L-Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.113**)

jnaqqasx mis-siwi tal-istħarriġ li l-Pulizija għamlet dwar dak ir-rapport u l-mod li bih irriferiet mill-ewwel lill-Maġistrat tal-Għassa għad-direzzjoni meqjusa tiegħu;

“Illi, fuq kollox, intwera li dak is-suspett wassal għall-ħruġ ta’ Att ta’ Akkuża u għat-teħid ta’ proċediment li wassal għall-għoti ta’ sentenzi bis-sejbien tal-ħtija tar-rikorrent sewwasew fuq is-saħħa ta’ dawk l-elementi. Iż-żamma f’arrest min-naħa tal-Pulizija kienet ukoll għal żmien aqsar mit-tmienja u erbgħin (48) siegħa li tippreskrivi d-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn rilevanti tal-Kodiċi Kriminali;

“Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talbiet tar-rikorrent f’dan ir-rigward mhumiex sejrin jintlaqgħu, għaliex mhux pruvati u għalhekk mhumiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

“Illi fir-rigward tal-**ilment tal-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq** ir-rikorrent iqajjem bosta kwestjonijiet. Fl-ewwel lok, jisħaq fuq il-fatt li, sakemm dam miżmum arrestat ma tħalliex ikellem avukat u spiċċa ta l-istqarrija tiegħu bla ma laħaq tkellem ma’ avukat li kien jafda. Fit-tieni lok, huwa jgħid li xi wħud mill-Pulizija li kienu arrestawh u sakemm dam arrestat, kienu webbluh biex jaċċetta s-sehem tiegħu f’dak li nstab biex b’hekk jeħles malajr mill-arrest u jkun jista’ jmur lura d-dar u biex jevita li jitressqu akkużi aktar ħorox fil-konfront tiegħu. Fit-tielet lok, jilminta li t-tfittxija li saret fid-dar tiegħu ma kinitx awtorizzata b’*warrant* kif titlob il-liġi billi ma kinitx iffirmata mill-Maġistrat Inkwirenti. Fir-raba’ lok, jilminta mill-fatt li l-Pulizija ma ħarsitx il-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu u rat x’għamlet biex tgħabbih bi ħtija meta ma kellhiex l-iċken prova kontrih. Fil-ħames lok, li l-istqarrija li ta lill-Pulizija la kienet magħmula b’mod ħieles u lanqas fuq is-sewwa. Fis-sitt lok, huwa jgħid li l-Qorti Kriminali tat direzzjonijiet ħżiena lill-Ġurija dwar is-siwi tal-istqarrija tiegħu u dwar il-provi kuntrarji oħrajn li tressqu mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn dak li kien ingħad minnu fl-istess stqarrija. Fis-seba’ lok, jisħaq li l-iżvantaġġ li qiegħed lilu nnifsu fih meta ta l-istqarrija li ta wasslitu biex ma jkollux smigħ xieraq;

“Illi għal dawn l-ilmenti l-intimati jwieġbu billi jgħidu li r-rikorrent għadda minn proċess sħiħ li wassal għall-għoti ta’ sentenzi li llum saru ġudikat, u wara li baqa’ passiv matul dak il-proċediment kollu, qiegħed iqanqal l-ilment ta’ ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ftit aktar minn għaxar snin wara li ntemm dak il-proċediment. L-intimati jqisu li l-każ tar-rikorrent huwa stedina lil din il-Qorti li terġa’ tiftaħ u tistħarreġ l-imsemmi proċediment u xejn aktar minn hekk. Jgħidu li, fil-biċċa l-kbira, l-ilment tar-rikorrent taħt din ir-ras huwa l-frott ta’ “spekulazzjonijiet gratuwiti” kontra l-Pulizija li mexxiet il-prosekuzzjoni u kontra l-imħallef li mexxa l-Ġuri;

“Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>ewwel kawżali tal-ilment</u> tar-rikorrent safejn jirrigwarda ċ-ċaħda mill-Pulizija li jitħalla jkellem avukat, jirriżulta li, sa dak il-ħin li ta l-istqarrija lill-Pulizija, ir-rikorrent ma kienx kellem avukat. Jidher li, minn x’ħin inġabar mill-Pulizija fis-26 ta’ Ottubru, 1992, sa dak

inhar li nħeles mill-arrest mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, ir-rikorrent ma kellimx avukat jew imqar membru tal-familja tiegħu (ħlief fil-ħin x'ħin mar mal-Pulizija d-dar tiegħu biex issir tfittxija). Min-naħa l-oħra, fl-ebda waqt tal-proċediment imniedi kontrih fil-Qrati ta' kompetenza kriminali ma kien qanqal xi lment dwar din iċ-ċirkostanza u wisq anqas dwar is-siwi tal-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija jew jekk messhiex intużat bħala prova kontrih fl-istess proċediment;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jwarrbu dan l-ilment u jisħqu li r-rikorrent ta l-istqarrija tiegħu wara li kien imwissi kif imiss dwar il-konsegwenzi li jagħżel li jagħtiha. Jgħidu wkoll li għamilha minn rajh u jiċħdu bil-qawwa kollha li kien mhedded jew imwebbel mill-Pulizija biex jagħmilha ħalli jiffranka konsegwenzi agħar;

"Illi dan l-ilment tar-rikorrent jissejjes kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

"Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[49] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[50];

"Illi fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent jibni l-każ tiegħu tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma

[49] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[50] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

r-rikorrent kien imqar tressaq quddiem qorti biex iwieġeb għal akkuża magħmula kontrih. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom bdew jgħoddu[51]. Madankollu, wieħed jista' jgħid li l-istqarrija nqdiet biha l-Prosekuzzjoni matul il-Ġuri u għalhekk dan iġib l-ilment sewwasew fl-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni[52];

"Illi l-Qorti terġa' tisħaq li t-talba tar-rikorrent jidher li tirrigwarda l-fatt li l-istqarrija tiegħu ttieħdet bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li r-rikorrent jew id-difensuri tiegħu f'ebda waqt tal-proċediment meħud kontrih fil-qrati ta' kompetenza kriminali ma qanqlu xi lment dwar l-użu tal-istqarrija bħala prova f'dawk il-proċeduri. Mhux hekk biss, iżda, matul l-istess Ġuri, ir-rikorrent offra li jagħti x-xhieda tiegħu u kien mistoqsi wkoll fuq iċ-ċirkostanzi marbuta mal-istqarrija li ta lill-Pulizija. La waqt it-trattazzjoni tal-każ quddiem il-Qorti Kriminali u lanqas waqt it-trattazzjoni tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tqajmet mir-rikorrent il-kwestjoni tas-siwi tal-istqarrija li hu kien ta jew jekk messhiex tħalliet tintuża bħala prova tal-Prosekuzzjoni waqt il-Ġuri[53];

"Illi din il-Qorti fliet ukoll l-atti tal-Ġuri u sabet li l-verdett u s-sejbien tal-ħtija tar-rikorrent ma kienx jistrieħ esklussivament fuq l-istqarrija li ta lill-Pulizija. Għall-kuntrarju, joħroġ ċar minn dawk l-atti li nġabu għall-eżami tal-Ġurija u tal-Qorti Kriminali provi oħrajn materjali tajbin biżżejjed li fuqhom il-Ġurati setgħu jaslu għall-verdett li jaslu bla ma joqogħdu fuq dak li stqarr ir-rikorrent fl-istqarrija tiegħu. Meta wieħed iqis il-proċediment kollu li r-rikorrent għadda minnu, ma jistax jingħad li l-każ tiegħu kien vizzjat minħabba li l-istqarrija tiegħu kienet waħda mill-provi mressqa fost ħafna oħrajn mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimati fin-Nota tagħhom[54] li s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent kien imsejjes fuq provi li ma kinux jikkonsistu fl-istqarrija li ta lill-Pulizija;

"Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li r-rikorrent ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

---

[51] Kost. **13.2.2017** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Graziella Muscat) vs Philip Borġ***
[52] Ara, f'dan ir-rigward, Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et***
[53] Ara Kost **28.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Xuereb vs*** Avukat ***Ġenerali***
[54] Paġġ. 295 – 6 tal-proċess

"Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien ma' l-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[55];

"Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita` tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

"Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment[56], ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha[57];

"Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' għajnuna ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd[58]. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-

---

[55] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), paġ. 631

[56] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Svizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) § 36

[57] Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Malta*** (Applik. Nru. 37537/13) §§ 56 – 58

[58] Q.E.D.B. (GC) **27.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Salduz vs Turkija*** (Applik. Nru. 36391/02) § 55 li qalbet is-sentenza mogħtija mit-Tieni Sezzjoni fl-**26.4.2007** li ma kinitx sabet ksur tal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni

"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin"[59] jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat[60]. F'dan ir-rigward ingħad li "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[61];

"Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorita` pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla Qorti tagħna m'ilux u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relattiva[62];

"Illi jidher li fejn – bħalma kienet il-qagħda f'Malta fiż-żmien rilevanti għall-każ tar-rikorrent – il-liġi ma kinitx tagħti lil persuna miżmuma mill-Pulizija li tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha, qabel ma tħalli stqarrija, kienet biżżejjed biex twassal għal sejbien ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[63]. Minbarra dan, il-każ tar-rikorrent huwa wieħed fejn il-proċeduri kontrih fil-Qrati ta' kompetenza kriminali intemmu (fil-fatt kien ilhom mitmuma mal-għaxar snin qabel ma fetaħ din il-kawża) b'sentenza li għaddiet f'ġudikat. F'dak ir-rigward[64] il-fatt waħdu li fl-imsemmi proċediment intużat l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-Pulizija bla ma kien ingħata l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu ġġib magħha s-sejbien awtomatiku tal-jedd tar-rikorrent dwar smigħ xieraq bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

"Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

"Illi minħabba f'hekk il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tistħarreġ il-ksur tal-jedd tar-rikorrent taħt <u>it-tieni kawżali</u> (li l-istqarrija taha għaliex kien imwebbel b'xi vantaġġ jew mhedded b'xi konsegwenza), taħt <u>il-ħames kawżali</u> (li l-istqarrija ma kinitx magħmula b'mod ħieles u lanqas mibnija fuq il-fatti) u taħt <u>is-seba' kawżali</u> (li l-fatt li huwa għamel l-istqarrija li għamel qegħditu fi żvantaġġ fit-tressiq tad-difiża tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali);

59 Q.E.D.B. (GC) **25.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 18731/91) § 63
60 Q.E.D.B. **23.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Yoldas vs Turkija*** (Applik. Nru. 27503/04) § 51
61 Q.E.D.B. **15.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Paskal vs Ukrajina*** (Applik. Nru. 24652/04) §76
62 Kost. **2.3.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Camilleri vs Avukat Ġenerali***
63 Q.E.D.B. **2.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Dimech vs Malta*** (Applik. Nru. 34373/13) §44
64 Ara Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Malta*** (Applik. Nru. 37537/13) §§ 61 – 63

"Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet kawżali (li t-tfittxija li saret fid-dar tiegħu saret bi ksur tal-liġi), il-Qorti ma tarax kif dan l-ilment jolqot il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent ma fisser bl-ebda mod kif din iċ-ċirkostanza (li kieku kienet minnha) kienet tolqot il-jedd tiegħu msemmi. Hu jgħid biss li ma kinitx awtorizżata b'*warrant* iffirmat minn Maġistrat;

"Illi l-intimati jgħidu li t-tfittxija fid-dar tar-rikorrent saret skond il-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti u wkoll kif inhi l-liġi llum. Jgħidu li l-jedd mogħti lill-Pulizija biex tfittex f'xi dar jew post meta jkollha suspett raġonevoli li seħħ reat jew biex issib provi marbuta ma' reat imwettaq ma jiddependix tabilfors mal-ħruġ ta' Mandat minn Maġistrat;

"Illi l-Qorti rat id-dispożizzjonijiet relattivi tal-liġi u taqbel mal-intimati li t-tfittxija li saret fid-dar tar-rikorrent ma kinitx bi ksur tal-liġi. Sa minn qabel il-bidliet li ddaħħlu fil-liġi fl-2002, kien mogħti li tfittxija f'post setgħet issir b'ordni jew awtorizżazzjoni mogħtija minn uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' Spettur, u din il-qagħda hija hekk illum ukoll[65]. Lil hinn minn hekk, ir-rikorrent ma wera lil din il-Qorti bl-ebda mod kif it-tfittxija li saret fid-dar tiegħu u l-elevazzjoni minnha ta' xi oġġeti li tressqu bħala esebiti matul il-proċedimenti mnedijin kontrih quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali kisru l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Lanqas ma fisser għaliex huwa qatt ma kien ikkontesta dan l-ilment quddiem dawk il-Qrati fiż-żmien kollu li damu miexja dawk il-proċedimenti;

"Illi, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-ilment tar-rikorrent taħt din il-kawżali mhuwiex mistħoqq u la taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt dawk tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"Illi għal dak li jirrigwarda r-raba' kawżali (li l-Pulizija ma ħarsitx il-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu) din tkompli tinbena fuq dak li ssemma qabel dwar meta tqies l-ilment tar-rikorrent dwar l-arrest illegali tiegħu. Hawnhekk, huwa jtenni dak li qal qabel li, bla ma kellha għaliex twaħħal fih, il-Pulizija kienet qisitu ħati u mexxiet l-istħarriġ tagħha bil-fehma li hu kien ħati u xejn aktar;

"Illi jidher li din il-kawżali tinbena fuq dak li jgħid l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni li jitkellmu dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza ta' persuna mixlija b'reat quddiem qorti;

"Illi huwa stabbilit li biex tassew jitħares il-prinċipju msemmi, huwa meħtieġ li qorti li quddiemha titressaq persuna mixlija trid tqis lil dik il-persuna bħala innoċenti u li ssibha ħatja biss jekk kemm-il darba titressaq xhieda tajba, b'saħħitha u fuq il-bażi ta' provi validi u leġittimi. Kif ingħad, "*...the principle of the presumption of innocence ... requires, inter alia, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the*

---

[65] Ara artt. 355K sa 355M tal-Kap 9

*prosecution, and any doubt should benefit the accused. It also follows that it is for the prosecution to inform the accused of the case that will be made against him, so that he may prepare and present his defence accordingly and to adduce evidence sufficient to convict him*"[66]. Minn din is-silta, wieħed jara li r-regoli dwar il-preżunzjoni ma jorbtux lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija fil-funzjoni tiegħu ta' prosekutur, imma jorbtu lill-Qorti. Fil-każ ta' qorti ta' indoli kriminali dan jgħodd kemm għall-imħallef togat u kif ukoll għall-imħallfin tal-fatti (jiġifieri l-ġurija);

"Illi jekk wieħed jiġbor l-ilmenti kollha magħmula mir-rikorrent taħt din il-kawżali, wieħed isib li l-biċċa l-kbira minnhom jimmiraw fuq l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, jew is-subalterni tiegħu. Bħala l-persuna li tmexxi l-prosekuzzjoni, il-fatt li l-intimat ikollu l-fehma li l-persuna mixlija hija ħatja ma jwaqqax il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' dik il-persuna. Huwa mistenni li l-prosekuzzjoni tkun konvinta mill-każ tagħha: u sakemm twettaq ix-xogħol tagħha billi tressaq provi tajba biżżejjed biex issejjes il-każ tagħha u li dan tagħmlu bi tħaris tar-regoli preskritti ta' mġiba proċedurali korretta, ma jkun hemm l-ebda ksur tal-jedd tal-persuna mixlija li titqies innoċenti. Kif tifhimha l-Qorti, l-ħarsien tal-preżeunzjoni torbot lil min huwa msejjaħ biex jiġġudika lill-persuna mixlija u mhux lil min qed jixliha;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu juriha li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jaħti għall-ksur tal-jedd li r-rikorrent jitqies innoċenti sakemm instab ħati;

"Illi għal dak li jirrigwarda <u>s-sitt kawżali</u> (li l-Qorti Kriminali tat lill-Ġurija direzzjonijiet ħżiena dwar is-siwi tal-istqarrija tiegħu u dwar il-provi kuntrarji oħrajn) il-Qorti ħadet qies tal-episodji li r-rikorrent isemmi fir-rikors promotur u kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. Huwa jiffoka fuq nuqqasijiet li jgħid li wettqet il-Qorti Kriminali waqt is-smigħ tal-Ġuri, kemm waqt is-smigħ tax-xhieda u kif ukoll fl-indirizz tagħha lill-Ġurija;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-biċċa l-kbira minn dawn iċ-ċirkostanzi kienu tqajmu mir-rikorrent fl-appell mis-sentenza u l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet stħarrġithom waħda waħda fis-sentenza mirquma li tat. Il-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom[67]. B'mod partikolari ngħad li "*.. .. d-dritt għal smigħ xieraq*

---

[66] Q.E.D.B. **6.12.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbera', Messegue u Jabardo vs Spanja*** (Applik. Nru. 10588/83) § 77

[67] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel sive Charles Cutajar vs Avukat Ġenerali et***

*ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenza fil-mertu, iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea*"[68]. Il-Qorti li quddiemha jitqajjem ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq tista' madankollu tifli l-atti proċesswali tal-kawża li fiha jitnissel dak l-ilment u kif ukoll il-mertu maqtugħ f'dak il-proċediment, safejn l-ilment jimpinġi fuq xi jedd tal-individwu li r-raġunament tal-Qorti kien arbitrarju jew irraġonevoli għal kollox[69]. Imma, il-fatt waħdu li r-rikorrent jisħaq li huwa innoċenti tal-akkużi li dwarhom instab ħati ma jissarrafx fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq[70]. Jeħtieġ jintwerew raġunijiet aqwa minn hekk u l-piż li jintwerew dawn ir-raġunijiet jaqa' fuq ir-rikorrent li jallega l-ksur tal-jedd;

"Illi b'żieda ma' dan kollu, il-fatt li Qorti ma taqbilx mal-linja difensjonali ta' parti li tkun f'kawża quddiemha ma jġibx b'daqshekk li dik il-Qorti tkun kisret il-jedd ta' dik il-parti għal smigħ xieraq. Huwa mistenni li, waqt it-tmexxija tal-kawża, Qorti tagħraf tuża s-setgħat tagħha biex tinstab il-verita` u tagħti lill-partijiet li jkunu quddiemha opportunita` ndaqs biex imexxu l-każ tagħhom. Huwa wkoll mistenni li fl-għoti tas-sentenza, il-Qorti tagħmel l-għażla tagħha dwar fuq liema waħda mill-partijiet toqgħod u safejn għandha toqgħod fuq dik il-parti għal kollox jew f'biċċa. L-importanti hu li l-Qorti tagħti r-raġunijiet xierqa biex turi għaliex waslet biex emmnet lil naħa u mhux lil oħra. Dik l-għażla hija l-attribut ewlieni ta' kull ġudikant fit-twettiq tas-sejħa tiegħu li jiddeċiedi l-każ li jkollu quddiemu, u dan joħroġ l-aktar f'qafas ta' litigazzjoni kontenzjuża;

"Illi safejn is-sottomissjonijiet tar-rikorrent jippruvaw idaħħlu lil din il-Qorti fi stħarriġ tar-raġunament magħmul miż-żewġt iqrati fis-sentenzi tagħhom, din il-Qorti ma tistax tqishom, għar-raġunijiet li ssemmew qabel u li dwarhom din il-Qorti ma tagħmilhiex ta' qorti tal-appell;

"Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li r-rikorrent ma weriex li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq bil-mod kif l-imħallef li ippresjieda l-Qorti Kriminali mexxa l-Ġuri;

"Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-rimedji mitluba** mir-rikorrent. Huwa jqis li, ladarba kien ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali li dwarhom ressaq din il-kawża, il-konsegwenza trid tkun li s-sentenzi li bihom instab ħati jmisshom jitqiesu mingħajr siwi u jitħassru. L-intimati jgħidu li, fl-agħar ipoteżi u minħabba li r-rikorrent ma kien qanqal xejn minn dan waqt li kienu mexjin il-proċeduri kontrih quddiem il-Qrati ta' kompetenza

[68] Kost. **30.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***J.E.M. Investments Limited vs Avukat Ġenerali et***
[69] Kost. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Joseph Farruġia vs L-Avukat Ġenerali***
[70] Kost. **9.12.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Seychell vs Onor. Prim Ministru et***

kriminali, ikun biżżejjed li l-Qorti tagħmel dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ ksur tal-jeddijiet jew liema minnhom bħala rimedju effettiv għal tali ksur;

“Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod fuq l-ebda sottomissjoni mressqa mill-partijiet. Huwa fatt li ħadd ma jista’ jmerih jew ireġġgħu lura li l-każ tar-rikorrent kien ingħalaq b’sentenza li saret ġudikat. Daqstant ieħor, il-Qorti f’din is-sentenza sabet li kien seħħ ksur ta’ xi wħud mill-jeddijiet li minnhom jilminta r-rikorrent. Imma, fil-fehma meqjusa tagħha, ma ssibx li r-rimedju tat-tħassir tas-sentenzi mogħtija huwa rimedju xieraq jew mistħoqq. Dan jingħad għaliex mil-ksur ta’ jeddijiet li sabet din il-Qorti fil-każ tallum ma jwassalx għat-tħassir tal-proċess li kien sar u lanqas kien determinanti għalih[71]. Min-naħa l-oħra, is-sejbien tal-ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent f’dan il-każ imorru lil hinn minn rimedju ta’ sempliċi dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ jedd fundamentali. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti ssib li jixraq li r-rikorrent jingħata rimedju b’kumpens biex jagħmel tajjeb għall-ksur tal-jedd imġarrab u mhux bħala kumpens materjali tal-ħsara mġarrba;

“Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, tqis li għandha tillikwida kumpens fl-ammont ta’ tlitt elef euro (€ 3,000) f’dan ir-rigward;”

## L-Appell

5. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza ghaliex hassu aggravat li l-ilmenti ta’ ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu ma kienux gew milqugha kollha u li l-kumpens moghti huwa baxx. Ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka parti mis-sentenza appellata, filwaqt li l-intimati kellhom ibatu l-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri. Hu spjega li l-aggravji tieghu jikkonsistu fis-segwenti: [a] mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-istqarrija inkriminanti tieghu li kienet l-unika prova kontrih, kien isegwi necessarjament li jinghata rimedju xieraq billi tigi dikjarata nulla s-sentenza tal-Guri; [b] l-ewwel Qorti skartat l-ilment tieghu li l-arrest preventiv kien arbitrarju ghaliex il-Pulizija ma kellhiex suspett ragonevoli

[71] Kost. **27.11.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***John Udagha Omeh vs Attorney General et***

skond is-subartikolu 34[1] u l-paragrafu 34[f] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 u l-paragrafu 5[1][c] tal-Konvenzjoni; [c] l-ewwel Qorti ma tatx kaz il-fatt li hu ma kienx gie mgharraf bir-raguni ghall-arrest preventiv tieghu skond kif jirrikjedi s-subartikolu 34[2] u s-subartikolu 5[2] tal-Konvenzjoni; [d] ukoll l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fatt li hu ma nghatax it-twissija skond il-ligi u ghalhekk sar ksur tad-dritt tieghu tas-silenzju kif protett mill-paragrafu 6[3][a] tal-Konvenzjoni u l-paragafu 39[6][a] tal-Kostituzzjoni; [e] kien gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ukoll permezz ta' nuqqas ta' imparzjalita` soggettiva tal-Imhallef bir-rizultat li d-dritt tieghu tal-prezunzjoni tal-innocenza kif protett mis-subartiklu 6[2] tal-Konvenzjoni u s-subartikolu 39[5] tal-Kostituzzjoni, kif ukoll id-dritt tal-akkuzat li jressaq ix-xhieda tieghu u jaghmel kontro-ezami taghhom kif sancit bil-paragrafu 6[3][d] tal-Konvenzjoni u l-paragrafu 39[6][d] tal-Kostituzzjoni; [f] il-kumpens moghti lilu kien wiehed baxx wisq u li nghata minghajr imghax; [g] ma kellux ibati l-ispejjez tal-kawza.

6. L-intimati rrispondew l-appell tar-rikorrent billi talbu lil din il-Qorti, u dan minghajr pregudizzju ghall-appell intavolat minnhom, sabiex tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza appellata minn fejn ir-rikorrent kien qed jaghmel l-appell tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrih. Huma rrispondew ghar-rikors tal-appell tar-rikorrenti billi ssottomettew: [a] fir-rigward taz-zewg aggravji li l-istqarrija tieghu kienet l-unika prova u li l-arrest preventiv kien arbitrarju, dawn kienu insostenibili ghaliex

sahansitra kien jirrizulta mill-atti li l-Prosekuzzjoni kellha provi konkreti u f'kwalunkwe kaz ir-rikorrent qed iqajjem il-lanjanza tieghu dwar l-istqarrija wara l-kaz li illum huwa *res judicata* u ilu hekk ghal izjed minn 10 snin; [b] ukoll jirrizulta mill-provi li r-rikorrent kien inghata l-*caution* skond il-ligi u wiehed irid iqies li din ma tistax tittiehed barra mill-kuntest tal-proceduri kollha fit-totalita` taghhom; [c] ir-rimedju mitlub mir-rikorrent li tigi annullata s-sentenza huwiex gustifikat, u fic-cirkostanzi dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti.

7. Kif diga` inghad, l-intimati intavolaw appell. Huma talbu t-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kienet [a] laqghet limitatament l-ewwel, it-tielet, il-hames u t-tnax-il talba attrici u sabet ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni fil-konfront tal-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija; u [b] laqghet limitatament it-tielet u l-hames talbiet attrici u sabet ksur tal-paragrafu 6[3][c] tal-Konvenzjoni; u [c] tat rimedju billi kkundannat lill-intimati jhallsu kumpens ta' €3,000, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-hlas effettiv.

8. L-aggravji huma: [a] li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghaliex ma kien hemm l-ebda prova konkreta ta' trattament inuman u degradanti fil-konfront tar-rikorrent; [b] li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tar-rikorrent ghas-smigh xieraq kif sancit mill-paragrafu 6[3][c] tal-Konvenzjoni ghaliex il-fatt

li ma kellux assistenza legali waqt l-istqarrija ma kienet bl-ebda mod ta' hsara ghad-difiza tieghu, dan ghaliex: [i] ma jirrizultax li hu kien imgieghel b'xi mod li jaghti l-istqarrija; [ii] kien biss wara li s-sentenza kontrih saret *res judicata* u wara li ghaddew bosta snin li r-rikorrent beda jilmenta mill-allegat ksur; [iii] in-nuqqas tad-dritt ghall-assistenza legali waqt ir-rilaxx ta' stqarrija ma kinitx konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghaliex id-determinazzjoni jekk sarx ksur ta' dan id-dritt kellu jigi ezaminat fil-kuntest tal-proceduri fl-interita` taghhom; [c] l-ebda rimedju ma hu dovut fid-dawl ta' dak li sabet l-ewwel Qorti, izda jekk din il-Qorti jidhrilha li d-drittijiet tar-rikorrent kienu gew lezi, dikjarazzjoni ta' ksur hija sufficjenti.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

9. Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-partijiet appellanti, ukoll ir-risposti ntavolati minnhom, u fejn l-aggravji taghhom huma l-istess jew simili sew, il-Qorti ser titrattahom flimkien.

*L-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba', il-Hames u s-Sitt Aggravji tar-Rikorrent [L-Istqarrija, Arrest arbitrarju, Ma nghatax raguni ghall-arrest u Parzjalita` tal-Imhallef, Kumpens re vjolazzjoni dritt ta' smigh xieraq]*

*It-Tieni Aggravju tal-Intimati [Res Judicata, Assistenza Legali, Stqarrija Volontarja]*

10. Fit-tieni parti tat-tieni aggravju taghhom l-intimati jissollevaw il-punt li l-proceduri odjerni nbdew wara li l-proceduri kriminali kienu ilhom maghluqa u s-sentenza finali ghaddiet f'gudikat wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu 2003

11. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi l-osservazzjoni maghmula minnha fil-kaz ***Il-Pulizija v. Mark Lombardi*** deciz fit-12 ta' April 2011:

> "Din il-Qorti tirrileva finalment li d-decizjonijiet tal-Qrati taghna ***qabel Salduz*** kienu in linja mal-gurisprudenza konstanti tal-Qrati taghna dak iz-zmien. Illum il-gurnata pero` trid tigi applikata l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg li saret referenza ghaliha *supra*. Din il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma res *iudicata.* Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' ***Cadder.*** [ara para [60] – [62]; [99] – [103]. *"The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined*". [A v. The Governor of Arbour Hill Prison [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36.]"[72]

12. Huwa ta' relevanza wkoll dak li tenniet din il-Qorti fil-kaz ***Il-Pulizija v Patrick Spiteri*** deciz fil-25 ta' Jannar 2013:

> "26……Ukoll jekk interpretazzjoni wisq superfiċjali tas-sentenza ta' ***Salduz*** tista' tidher li twassal għall-konklużjoni illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dan ikun żvilupp ġurisprudenzjali ekwiparabbli mal-ħolqien ta' jedd ġdid favur il-persuna investigata li ma jinvalidax dak li seħħ

[72] Kaz. Nru.34/2009; ara wkoll PA[SK] Simon Xuereb v. Avukat Generali, deciz 14 ta' Ottubru 2011 u PA[SK] Joseph Bugeja v. Avukat Generali, deciz fit-23 ta' Marzu 2012

> validament qabel, meta l-pożizzjoni kienet regolata bl-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' ***Imbrioscia v. l-Isvizzera….***

13. Dan gie ribadit minn din l-istess Qorti fil-kaz ***Il-Pulizija v. Amanda Agius*** deciz fit-22 ta' Frar 2013 fejn din il-Qorti kompliet tosserva li:

> "21. Għalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-każ ta' Salduz illi tgħid illi nnuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq madankollu jista' jiġri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija meħuda mingħajr il-garanziji ta' leġittimità twassal għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mhux għax l-interrogat ma kellux għajnuna ta' avukat iżda għax fl-istqarrija tkun ittieħdet abbużivament u ma tkunx ta' min joqgħod fuqha."

14. Fid-dawl tal-premess, din il-parti tat-tieni aggravju hija gustifikata, u din il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghal dak li jirrigwarda wkoll l-aggravji tar-rikorrent mill-ewwel wiehed sar-raba' wiehed. Izda fic-cirkostanzi tal-kaz odjern u *ex abundanti cautela* tikkunsidra opportuni is-segwenti osservazzjonijiet.

15. Fl-ewwel lok dan mhux kaz fejn gew fid-dawl fatti godda wara s-sentenza finali, izda huwa l-kaz ta' allegazzjonijiet u argumenti godda 10 snin wara l-ghoti ta' dik is-sentenza u dwar proceduri fejn ir-rikorrenti, allura akkuzat, kellu l-opportunita` ampja li jivventila l-ilmenti tieghu – haga li f'dak iz-zmien kien naqas li jaghmel.

16. Mill-atti jirrizulta li l-istqarrija kienet giet rilaxxjata fis-27 ta' Ottubru 1992 u li r-rikorrent ghazel li jiffirma li kienet inghatatlu t-twissija kif ukoll l-istqarrija innifisha. Ghalkemm fil-proceduri kriminali r-rikorrent wiegeb mhux hati, huwa ma ikkontestax is-siwi tal-istqarrija lanqas fix-xhieda tieghu fil-guri meta allura kellu kull opportunita` li jixhed dwar l-ilmenti li qed jaghmel f'dawn il-proceduri, jigifieri li ma kienx inghata twissija, li l-arrest tieghu kien arbitrarju u li ma kienx hemm suspett ragjonevoli li kien jiggustifika l-arrest tieghu. Anzi, din tal-ahhar hija newtralizzata bil-fatt li l-gurati taw verdett ta' htija li gie konfermat ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

17. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-process tal-guri u tosserva li minn qari tad-depozizzjoni[73] li r-rikorrent ta fil-guri jirrizulta li bazikament hu cahad dak li kien qal fl-istqarrija tieghu u sostna li dak kollu li qal lill-ispettur investigattiv kien kollu gideb. Huwa xehed li kien bezghan li jissawwat mill-pulizija ghax kien qara fil-gazzetta li kienet saret din l-allegazzjoni f'kaz iehor, u wkoll li ma riedx jibqa' arrestat u jibqa' jinzamm fic-cella. Jghid li, ghalhekk huwa iddecieda li fl-istqarrija jghid dak kollu li riedu jisimghu l-pulizija, dak li kien gie f'rasu dak il-hin u dak li kien qallu l-kugin tieghu li kien arrestat mieghu. Ir-rikorrent jikkonferma li l-Ispettur li interrogah mexa sewwa mieghu u ghalhekk iffirma l-istqarrija. Jikkonferma li l-istqarrija inqratlu qabel ma iffirmaha u hu jghid li kien

73 Foll.602 - 615

ghamel dak kollu li qallu l-Ispettur. Huwa jghid li f'mohhu kellu dak li kien weghdu l-ex kuntistabbli Vincent Apap li kien wiehed mill-pulizija li arrestaw lir-rikorrent u lil kugin tieghu go Ghawdex, izda jirrizulta li dan Apap ma ngabx bhala xhud fil-guri kif jikkonferma huwa stess fix-xhieda tieghu fil-proceduri odjerni.[74] Jidher pero` li l-gurati ma emmnux dak li r-rikorrent qal fid-depozizzjoni tieghu u ghalhekk sabuh hati.

18. Il-premess idghajjef serjament l-allegazzjonijiet tieghu li l-istqarrija ma ittiehditx skond il-ligi jew li kienet imtappna bl-illegittimita` jew li ittiehdet bi ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Huwa volontarjament ghazel li jghid dak li qal fl-istqarrija wara li kien inghata it-twissija skond il-ligi.

19. Rigward l-aggravju dwar l-indirizz tal-imhallef li mexxa' l-guri, din il-Qorti tosserva li l-ilment sollevat mir-rikorrent gie ezawrientement trattat mill-Qorti tal-Appell li sabet li *"fl-assjem tal-mod kif tmexxa l-guri ma jirrizultax li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja"* u ghalhekk irrispingiet l-aggravju sollevat mir-rikorrent [allura akkuzat] rigward it-tmexxija tal-guri mill-imhallef. Ghalhekk mhux il-kaz li dan l-ilment jerga' jitqieghed issa ghall-ezami ta' din il-Qorti, stante li din mhijiex Qorti tat-tielet istanza u l-funzjoni taghha hija dik li tiddeciedi, mhux jekk il-gurati

[74] Fol.130

iddecidewx tajjeb, izda jekk id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq giex vjolat.

20. Ghaldaqstant tqis li t-tieni aggravju tal-intimati huwa gustifikat fil-limiti tal-kunsiderazzjonijiet premessi u ghalhekk qed tilqghu, filwaqt li ma tqis gustifikati l-aggravji mill-ewwel wiehed sal-hames wiehed inkluz u ghalhekk qed tichadhom.

*L-Ewwel Aggravju tal-Intimati [Ksur tal-Art.3 tal-Konvenzjoni]*

21. Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni minhabba l-kondizzjoni tac-cella li r-rikorrent kien tpogga fiha ghal ftit sieghat fil-kwartieri generali tal-pulizija sakemm kien qed jigi investigat.

22. L-ewwel Qorti qieset l-provi dokumentali mressqa fir-rigward senjatament ir-Rapport tal-Kumitat mahtur mill-Kunsill tal-Ewropa li kien zar, fost postijiet ohra, il-*lock-up* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kien inzamm taht arrest ir-rikorrent u l-kugin tieghu, kif ukoll ix-xhieda tar-rikorrent innifsu u tal-istess kugin tieghu, kif ukoll tax-xhieda li ressqu l-intimati u waslet ghall-konkluzjoni li z-zamma tar-rikorrent f'dik ic-cella

kien kien jikkostitwixxi trattament degradanti ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u laqghet it-talba tar-rikorrent fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija.

23. Kif gie diversi drabi ritenut, din il-Qorti m'ghandhiex tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn jidher li din waslet ghal tali decizjoni b'mod ragonevoli fuq il-fatti li jkun hemm quddiemha[75]. Fil-kaz odjern hemm elementi ta' provi sufficjenti li fuqhom l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni motivata li waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li jigi disturbat l-apprezzament maghmul minnha.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Is-sitt aggravju tar-rikorrent [il-kumpens baxx wisq]*

*It-tielet aggravju tal-intimati [semplici dikjarazzjoni hi bizzejjed]*

25. Ir-rikorrent jilmenta li l-kumpens moghti lilu fl-ammont ta' €3,000 mhux xieraq ghall-ksur ta' zewg drittijiet fundamentali tieghu, mehud in konsiderazzjoni l-hsara psikologika u l-ugiegh ta' qalb li kien kostrett jghaddi minnhom. Ikompli jghid li sahansitra lanqas l-imghax ma nghatawlu. Min-naha taghhom l-intimati jsostnu li semplici dikjarazzjoni

[75] App.S. 19/2010, **Vella Bros Ltd vs John Vella,** deciz 29 ta' April, 2016.

ta' ksur ghandha tkun sufficjenti fil-kaz odjern. Dan jergghu jghiduh fl-appell interpost minnhom.

26. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, filwaqt li qed jigi konfermat li sar ksur tad-dritt tar-rikorrent protett mill-artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma sabitx li hemm ksur tal-artikolu 39 u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u ghalhekk l-ezami ta' dan l-aggravju ghandu jsir biss fid-dawl tas-sejba ta' ksur tad-dritt tieghu kontra trattament degradanti. Din il-Qorti tqis li l-ammont ta' €3,000 huwa rimedju adegwat ghal-lezjoni riskontrata, tenut kont ukoll iz-zmien qasir li hu kien damm mizmum f'dik ic-cella.

27. Ghaldaqstant tqis dawn l-aggravji mhux gustifikati u qed tichadhom.

*Is-Seba' Aggravju tar-Rikorrent [Spejjez]*

28. Ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ddecidiet li hu kellu jkun mghobbi bl-ispejjez tieghu tal-kawza. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha dwar il-hlas ta' tali spejjez, strahet fuq id-disposizzjoni tas-subartikolu 223 [3] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fid-dawl ta' dan u wkoll tal-fatt li ma gewx milqugha t-talbiet kollha tar-

rikorrent mill-ewwel Qorti, kien gustifikat li r-rikorrenti jigi akkollat jhallas l-ispejjez tieghu.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-intimati billi tilqghu limitatament u tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-artikolu 6 [3] tal-Konvenzjoni u minflok, tiddikjara li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu; tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichdu; tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi; l-ispejjez relatati mal-appell tar-rikorrenti jkunu kollha a karigu tieghu, filwaqt li l-ispejjez relatati mal-appell tal-intimati jkunu a kariku tal-Kummissarju tal-Pulizija intimat in kwantu ghal zewg terzi [$^2/_3$] filwaqt li r-rimanenti terz [$^1/_3$] ikun a kariku tar-rikorrenti.

| Joseph Azzopardi | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr